**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 25 – IT-TLIETA, 6 TA' MEJJU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. Approvazzjoni Minuti Numru 24

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Dwar paragrafu 6.2 is-Sinjura Joan Farrugia infurmat lill-Kunsill li s-Sur Pawlu Mifsud mhux minn San Ġwann. Ġie deċiż li ma jingħatax il-Mertu San Ġwann. Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li minflok, jingħata mertu San Ġwann lis-Sur Raymond Colombo. Dan huwa attivist f'ħafna għaqdiet lokali. Is-Sur Malcolm issekonda. Is-Sinjura Marica Bayliss qalet li fil-passat, il-Kunsill ippreżenta dan il-mertu lill-għaqdiet u mhux lill-individwi. Kien hemm 4 favur (Rita Saliba, Malcolm Abdilla, Joan Farrugia u Trevor Fenech) u 5 kontra (Etienne Bonello Du Puis, Marica Bayliss, Dominic Cassar, Mikhail Micallef u Neville Mallia).

2.2 Dwar paragrafu 5.6, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li dawn il-bozoz huma r-responsabbiltà tal-Enemalta u għalhekk kien hemm il-bozoz tal-Enemalta fihom.

**3 Approvazzjoni Minuti Laqgħa Annwali**

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Pagamenti Numru 23**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-HSBC se jagħmlu użu mill-Boardroom tal-Kunsill fil-ġranet 15 u 16 ta' Ġunju għar-recruitment drive tagħhom.

4.2 Ġiet diskussa l-ittra minn resident rigward l-istat ħażina li tinsab fiha Triq Birkirkara. Ġie innutat ukoll li meta jibda l-proġett tal-Kappara Fly Over, din it-triq flimkien ma' Triq San Ġiljan u Triq il-Pellikan se jintużaw ħafna aktar. Ġie deċiż li s-Sindku jikteb ittra lis-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta fuq din.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-KAC se jagħmlu bibita zgħir fit-tmiem tal-legislatura nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

4.4 Ġiet diskussa l-kawża legali li hemm pendenti ma' Grima fuq pagamenti pendenti. Reġa' ġie konfermat li l-Kunsill lest ihallas il-kont, imma bir-rata li kien hemm fil-kwotazzjoni 11/2009 u mhux bir-rata esorbanti li ġie miftiehem mal-ex Segretarju Eżekuttiv.

4.5 Ġew ippreżentati l-istimi għall-embellishment tas-soft area fi Triq R Caruana Dingli kif ukoll biex issir parti mill-bankina ta' Triq il-Mensija. Din l-istima għandha tintbagħat lir-Reġjun biex tiġi ffinanzjata mill-fondi tagħhom.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet diskussa ittra minn resident minn Triq Akaċja rigward l-istorbju li jkun hemm meta jintrema l-ħġieġ fl-iskips tar-reċiklar. Hu talab biex dawn l-iskips jiċċaqalqu jew jitneħħew. Ġie deċiż li ssir tabella fuq l-iskips kollha ta' San Ġwann biex in-nies jarmu ħġieġ biss bejn it-tmienja ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija.

5.2 Ġie innutat invit biex il-Kunsill ikollu stand ta' informazzjoni fl-Imnarja. Ġie deċiż li ma nieħdux sehem fiha.

5.3 Ġew diskussi l-applikazzjonijiet għal life-long learning. Ġie deċiż li ma napplikawx għal dawn minħabba li dawn l-ispejjeż ma ġewx budgeted u m'għandiex spazju.

5.4 Ġie innutat il-Green Pak Awards għall-Kunsilli. Ġie deċiż li ma niġux nominati minħabba li ma kienx sar ebda inizjattiva speċjali matul is-sena 2013.

5.5 Il-ġbir ta' ħwejjeġ użati ser issir fis-17 ta' Mejju mit-8.30 sal-11.00 ta' filgħodu mill-Kunsill.

5.6 Ġiet innutata r-risposta negattiva mill-MTA għal sponsor biex jixxandar Ħadd Għalik minn San Ġwann.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li s-Sur Eugenio Lama, lest jagħmel klassijiet fuq il-kultura u l-beneficju tat-tisjir. Il-Kunsill għandu jagħmel avviż fil-ħarga tal-Ħuġġieġa ta' Ġunju għal dawk interessati. Hi ukoll resqet fuljett rigward is-Sound Pollution, wara li kellha laqgħa mas-Sur Fenech, minn din l-għaqda. Ġie deċiż li dan il-fuljett jidher fil-Ħuġġieġa ta' Settembru. Is-Sinjura Marica Bayliss ukoll infurmat li l-Kunsill għamel quddiesa fid-Dar tal-Provvidenza għar-ruħ iz-ziju tas-Sindku. Is-Sur Albert Bonello Depuis

6.2 Is-Sinjura M. Bayliss resqet ghall-attenzjoni tal-kunsill li kien hemm bzonn li issir xihaga rigward li parking bay fi Triq il-Fuxa minhabba ostaklu kbir li inholoqlu il-hanut Paloma min mindu aggornajna il-parking bays. Joan Farrugia ipproponiet, biex li parking bay quddiem il-Paloma jinqasam f'Junction Box u MC Bay. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 4 Favur, 2 Kontra u 3 Astensjoni.

6.2.1 Issemmew ukoll il-problema tat-traffiku quddiem il-Maypole minħabba l-un/loading u l-Bus Stop kif ukoll in-nuqqas ta' manutenzjoni tal-marki tat-toroq fi Triq in-Naxxar u fi Vjal ir-Riħan, kif ukoll il-pot holes. Ġie deċiż li s-Sindku jikteb ittra lill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta.

6.2.2 Is-Sinjura Joan Farrugia rrimarkat li mhux sew li hi rċeviet theddid l-għada tal-aħħar laqgħa, wara li Kunsillier ħareġ l-informazzjoni. Is-Sur Dominic Cassar ikkonferma li hu ġie mistoqsi mill-persuna li kien għamel it-talba. Hu nfurmah li t-talba ma ġietx milqugħa fejn hu nfurmah li s-Sindku ppropona u hu ssekonda. Is-Sinjura Marica Bayliss irrimarkat li l-ħażin mhux li nħarġet l-informazzjoni imma l-attitudni ta' kif tinħareġ. Is-Sindku rrimarka li l-laqgħa hija waħda pubblika u fi ftit żmien għandha wkoll tiġi streamed il-laqgħa fejn kulħadd jista' jara d-deċiżjoniet li jittieħdu.

6.2.3 Ġie diskuss l-inċident fejn kuntrattur ġie il-Kunsill irrabbjat fejn hu ħallas għal żewġ wardens fuq site, u mar wieħed biss. Għandha tintbagħat ittra lill-Guard and Warden rigward dan l-inċident biex fil formola tal-wordens titnizzel li jekk ikun hemm incidenti simili il-kuntratturi iridu jitkelmu biss mal gaurd & worden. Il-kunsillier M.Bayliss qalet li fid dawl ta' dak kollu li gara din il-gimgha fir-reception ma jistax ikun li l-iskrivani jibqaw isofru min thedid personali min residenti u kuntratturi. Is-sindku qal li kif isiru dawn l-affarijiet ghandu jsir rapport minnu fih.

6.3 Is-Sur Malcolm Abdilla talab li jittieħdu ritratti biex jintużaw għal fuq il-website u talab biex il-launching issir waqt l-attivitajiet ta' jum san gwann

6.4 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li s-Sibt li għadda saret l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ, u għandha ssir oħra fis-17 ta' Mejju. L-istima tal-leaflet għall-attivitajiet ta' Jum San Ġwann kienet ta' 235 Ewro u 86 Ewro għad-distribuzzjoni. Hu nforma lill-Kunsill li l-Union Print ser ittina l-istess prezzijiet bħal tal-Euro Print, fejn il-Kunsill mhux ser ikollu jħallas aktar għall-karta reċiklata.

Is-Sur Trevor Fenech u s-Sinjura Rita Saliba skużaw ruħhom mil-laqgħa fit-7.45pm

6.5 Is-Sur Dominic Cassar talab biex is-soft area fi Triq R Caruana Dingli tissemma għal Donat Spiteri ex kappillan. Kien hemm qbil fuq dan. Hu talab biex jinxtara plant food biex jintuża fil-masġar. Għandu jsir avviż fil-Ħuġġieġa ta' Ġunju biex iħeġġeġ lir-residenti jħawwlu siġar permezz tat-34U fil-masġar. Hu talab biex isiru double yellow lines fi Triq il-Kampanella. Hu nforma lill-Kunsill li l-bandli f'Ta' Żwejt reġgħu twaħħlu mill-ġdid.

6.6 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis semma kif qed jixxerdu xnijat li l-Kunsill ipprova jwaqqaf lill-iScouts ta' San Ġwann milli jieħdu l-premises il-ġodda ġewwa Ta' Żwejt. Dan mhux minnu u l-Kunsill applika għal devoluzzjoni ta' din il-propjetà minħabba l-ftehim li kien hemm mal-Works Division. L-applikazzjoni għal devoluzzjoni saret buona fede, minħabba li kien infurmat li l-post ha jkun vakant ghax tal-bocci irifjutaw it-trsferiment mis-sit atwali. Il-Kunsill applika għal dan biex jitgawda mill-komunità kollha. Dan sar bi qbil unanimu tal-Kunsill fejn ġie diskuss f'diversi

laqgħat ma entitajiet differenti. Is-Sinjura M Bayliss xtaqet ukoll komferma li l-kunsill meta sar jaf li l-iscouts aplikaw ghalih ukoll kien qabel li jekk jiehduh l-iscouts li kienu f'qada hazina ta' sgombru kienu jkunu kuntenti. Imma li jiehdu l-privat ma kienu ser jaccettaw qatt. Il-kunsill qabel ma din il-komfera.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |